**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-PETIZZJONIJIET**

**LAQGĦA NRU 14**

**It-Tlieta, 25 ta' Novembru 2025**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fit-3.10 p.m.

L-Onor. Chris Agius, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Ray Abela, l-Onor. Abigail Camilleri u l-Onor. Ivan Castillo.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 13 ġew approvati.

Qabel ma l-Kumitat għadda biex jiddiskuti xi emendi fil-linji gwida tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet, il-President tal-Kumitat qara parti mill-Minuti tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-30 ta' Settembru 2019 fejn l-Onor. Chris Agius, bħala President tal-Kumitat tal-Petizzjonijiet ta' dak iż-żmien, kien ippreżenta l-linji gwida maqbula mill-kumitat ta' dak iż-żmien għall-approvazzjoni tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

Wara li saret din in-nota, ġew ippreżentati żewġ dokumenti b'emendi proposti; wieħed mill-Onor. Ray Abela u ieħor mill-Onor. Ivan Castillo.

Dok 30: Emendi għall-Linji Gwida proposti mill-Onor. Ray Abela
Dok 31: Emendi għal-Linji Gwida u l-Ordnijiet Permanenti tal-Kumitat proposti mill-Onor. Ivan Casillo.

Wara li saret id-diskussjoni, kien hemm qbil biex wara li jsiru l-emendi msemmija fil-laqgħa, tiġi ċirkolata versjoni updated u tingħata lill-membri.

Fl-4.35pm, il-Kumitat aġġorna għal laqgħa oħra li tiġi kkomunikata aktar tard.

**JARED SULTANA**
**SEGRETARJU TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS, MP**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**